26 ta' Ġunju 1965

Imħallef:

l-Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.

Antonio Pace

versus

Antonio Cilia

Spoll privileġġjat — Pussess — atti ta' mera tolleranza — Art. 563 tal-Kodiċi Ċivili.

Atti ta' mera tolleranza ma jistgħux iservu ta' fondament għall-akkwist tal-pussess, u għalhekk lanqas jintitolaw l-eżerċizzju tal-azzjoni ta' spoll privileġġjat.

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa; premess illi f'dawn l-aħħar ġranet il-konvenut, min-

għajr awtorizzazzjoni u ad insaputa tal-istess attur, qala' mill-għalqa ta' l-attur kanna ta' l-ilma li kienet kommunikata mal-kanal tal-ilma tat-triq, u anki għalaq bis-siment it-toqba li fiha kienet qiegħda l-kanna tal-ilma kif wkoll imblokka bit-terrapien is-siqja tal-bir għall-ilma tax-xita — u b'hekk irrenda ruħu ħati ta' spoll — talab illi l-konvenut jiġi minn dina l-Qorti ikkundannat biex jerġa' jqiegħed lill-attur fit-tgawdija tal-immemmija għalqa billi jerġa' jqiegħed il-kanna fl-istat ta' qabel ma ġie kommess l-ispoll, kif wkoll li jerġa' jiftaħ it-toqba ta' fejn kienet tisbokka l-kanna u t-toqba tas-siqja tal-bir għall-ilma tax-xita, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss; u (2) f'kas ta' inadempjenza da parti tal-konvenut l-attur jiġi awtorizzat li jagħmel huwa, ix-xogħlijiet neċessarji u dana a spejjeż tal-istess konvenut u jekk hemm bżonn taħt direzzjoni ta' perit li jiġi nominat minn dina l-Qorti — b'riserva għal kull azzjoni ta' danni, bl-ispejjeż;

OMISSIS:

Li l-attur qiegħed jeserċita l-azzjoni ta' spoll "de recenti", fiż-żmien imsejjaħ "privileġġjat", u għalhekk biex jirnexxi fiha irid jipprova (1) il-pussess; (2) li ġie minnu spoljat "vi aut clam" (3) u li l-azzjoni ġiet eserċitata "infra bimestre";

OMISSIS:

Li minn dawna l-provi l-Qorti hija soddisfatta li l-kanal tal-ilma in kwistjoni huwa ta' proprjetà tal-konvenut, liema konvinzjoni ġiet fiha aktar u aktar radikata bid-dikjarazzjoni li għamel l-attur fl-affidavit a fol. 8; fejn tra altro ammetta li qabel ma mela l-kanal talab il-permess lill-konvenut u dana tah.

Li dina l-Qorti ħasset il-ħtieġa li tiddeliba b'xi mod il-petitorju, — għalkemm kawża ta' spoll hija ta' indoli posses-

sorja — sabiex jirriżultaw il-limiti tal-pussess tal-attur u t-titolu tal-konvenut, li minnhom tista' tiddependi l-possibilità tal-azzjoni ta' spoll, anki in vista tal-eċċezzjoni tal-konvenut li dana ma jistax javvera ruħu għax l-atti ta' mera tolleranza ma jistgħux iservu ta' fondament għall-akkwist tal-pussess (Kollez. XXIV, i, 451, XXXIII, i, 173; XXXVII, ii, 642).

Li ġie ampjament pruvat li l-attur ma kellux il-pussess tal-imsemmi kanal, u li billi dana kien jappartjeni lill-konvenut il-fatt li l-attur kien jieħu l-ilma minnu bil-permess tiegħu, jiġifieri "bil-bona grazia", ma jintitolahx għal eserċizzju ta' dina l-azzjoni fejn hemm sempliċi tolleranza, għaliex "non è possesso giuridicamente reintegrabile quello che emana da una semplice concessione del proprietario". (Cassaz. Roma, 23 giugno 1905 in re "Sactucci c. di Francesco). Dana l-konċett huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza taljana u lokali li irritenew konkordemente li: "Non ricorre quel possesso di fatto che da' diritto alla protezione mediante l'azione di reintegra ogni qual volta il preteso spogliato abbia il godimento basato sulla semplice tolleranza del preteso spogliatore" (Cassaz. Torino 27 Dicembre, 1907 "Macone C. Guglielmino"; Collez. XXXVII, i, 280).

Li, dana l-prinċipju jemana mid-disposizzjoni tal-art. 563 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li: "l-attijiet li huma biss fakultativi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazia ma *jistgħux jiswew ta' bażi għal ksib tal-pussess*". *Il-leġislatur* kien qiegħed deliberament jirriferixxi għal kwalunkwe pussess, u mhux għal pussess leġittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joħolqux il-pussess. Sir Adrian Dingli fin-*notamenti* tiegħu għall-Artikolu in kwistjoni (allura nru. 221 tal-Ordinanza VII tal-1868) kien osserva: "Ho soppresso la parola "legittimo" perchè secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente detto".

Ikkunsidrat:—

Li anki kieku, li mhux il-każ, għandu jiġi ritenut li hemm pussess tutelabbli, l-azzjoni eserċitata mill-attur ma jidhirx li tista' tiġi konkluża b'suċċess, imħabba n-nuqqas ta' element ieħor, dak ċioè, tad-deduzzjoni fiż-żmien xahrejn. Dina l-prova tmiss lill-attur, u għalhekk jekk ma jasalx fiha, l-azzjoni ugwalment ma tistax isseħħ.

OMISSIS:

In vista tal-premess il-Qorti waslet għal konklużjoni li l-azzjoni tal-attur mhix sostenibbli a parti dak li ġie ritenut dwar l-element tal-pussess, anki għaliex ma ġietx eżerċitata fiż-żmien preskritt mil-liġi.

Għal dawna l-motivi.

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.